# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikoli 17, 23, 31 225, 226 (1) u 533 tal-Kapitolu 9;**

**Artikoli 6, 7, 38 tal-Kapitolu 432**

**tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Regolament 5, 6, 7, u 8 tal-Avviz Legali 281 tas-Sena 2004**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

*Kumpilazzjoni Nru: 1110/2012*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**CARMELO STIVALA**
**(ID: 847533M)**

**MICHAEL STIVALA**
**(ID: 499374M)**

**MOAMER SALAMA**
**(ID: 141401L)**

**Illum, 17 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Carmelo Stivala** ta' 78 sena, iben Michele u Carmela xebba Galea, imwieled Naxxar nhar l-14 ta' Dicembru 1933, residenti gewwa l-fond numru 39, Charles Farmhouse, Triq l-Universita', Msida u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 847533M;

u

**Michael Stivala** ta' 38 sena, iben Carmelo u Maria xebba Debono, imwieled Attard nhar it-30 ta' Jannar 1974, residenti gewwa l-fond numru 7, St. Anthony, Triq San Trofimu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 499374M;

u

**Moamer Salama** ta' 35 sena, iben Sobhi u Catherine Chircop, imwieled Tripoli l-Libya nhar is-17 ta' Jannar 1976, residenti gewwa l-fond numru 143, Ix-Xatt tal-Gzira, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 141401 L gew imressqa quddiemha akkuzati talli;

1. Akkuzat Carmelo Stivala fil-kapacita’ tieghu personali u/jew bhala direttur tal-kumpanija C. Stivala & Sons Limited u/jew Stivala Operators Limited, lil Michael Stivala fil-kapacita tieghu personali u/jew in rappresentanza ta' C. Stivala & Sons Limited u/jew Stivala Operators Limited, kif ukoll lil Moamer Salama fil-kapacita tieghu personali; talli fl-4 ta' Gunju, 2012 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11:30 hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe' fin-numri

165/166, Ix-Xatt tal-Gzira, Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Sofia Oudri hekk kif iccertifika t-tabib mediku mill-iSptar Mater Dei, u dan ai termini tal-Artikoli 226, 218 u 216 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fil-waqt li akkuzati Carmelo Stivala w lil Michael Stivala wahedhom, talli fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, talli fl-istess zminijiet u/jew data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet u/jew fil-gimghat u/jew xhur ta' qabel naqsu milli jharsu s-Sahha u Sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-Artikoli 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 Kapitolu 424.

3. Akkuzat Moamer Salama wahdu talli fl-istess zminijiet u/jew data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet u/jew fil-gimghat ta' qabel, naqas milli jhares s-Sahha u s-Sigurta’ tieghu, kif ukoll tal-persuni li setghu gew affetwati bix-xoghol li kien qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku w dan ai termini ta' l-Artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000 Kapitolu 424.

4. Filwaqt li fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol akkuzat Carmelo Stivala u Michael Stivala, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet u/jew fil-gimghat ta' qabel, fil-kapacitajiet

taghhom ta' klijenti li ghalihom kien qieghed isir xoghol, naqsu mid-dmirijiet u responsabbiltajiet taghhom u dan ai termini ta' l-Artikolu 6(1) ta' Avviz Legali 281/2004 (S.L. 424.29).

5. Filwaqt li fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol talli fl-istess zminijiet u/jew data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet u/jew fil-gimghat ta' qabel, akkuzat Michael Stivala wahdu, talli bhala *project supervisor* fl-istadju ta' l-ezekuzzjoni naqas li jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema, persuni mpjegati ghal rashom, jsegwu l-pjan tas-sahha u sigurta'. Naqas li jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inkluzi l-kuntratturi successivi fuq l-istess sit, koordinazzjoni ta' attivitajiet taghhom bl-iskop li jigu protetti l-haddiema u li jigu evitati incidenti u periklu li ghas-sahha fuq il-post tax-xoghol u nformazzjoni reciproka, hekk li jigi zgurat li persuni li jahdmu ghal rashom jiddahhlu f'dan il-process meta jkun hemm bzonn u tikkoordina arrangamenti sabiex jivverifikaw li l-proceduri tax-xoghol ikunu qedghin jigu mplimentati b'mod korrett u dan ai termini ta' l-Artikoli 5(a)(b)(e) ta' Avviz Legali 281/2004 (S.L. 424.29).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom tlett (3) estratti mill-att tat-twelid tat-tlett imputat a fol. 3 et sequitur u tlett fedini penali tat-tlett (3) imputati a fol. 6 et sequitur tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru, 2014.

Illi nhar it-3 ta’ Settembru, 2014 xehed l-**Ispettur Jesmond Micallef** u spjega li nhar l-erbgha (4) ta' Gunju, tal-elfejn u tnax (2012) ghall-habta tal-hdax u nofs (11:30) ta' filghodu l-pulizija ta' Tas-Sliema kienu nfurmati mill-Control Room li gewwa The Strand, Gzira kien hemm persuna li sofriet xi feriti. Il-pulizija tad-Distrett marru fuq il-post fejn hemmhekk sabu tfajla mitluqa mal-art u kienet tidher ferita.

Marret l-ambulanza fejn tawha l-ewwel ghajnuna. Din it-tfajla kienet ghadha konxja u l-pulizija kellmitha u hi stqarret dak il-hin li waqt li kienet miexja fuq il-bankina fi Triq Sir Patrick Stewart, il-Gzira giet milquta minn xi haga go rasha li x'aktarx kienet bicca hadida kbira li setghet waqghet minn go sit li kien ghadu taht kostruzzjoni li kien hemm kantuniera bejn The Strand u Sir Patrick Stewart.

L-ambulanza giet fuq il-post. Din il-vittma giet iddentifikata bhala Sofia Audrey, nazzjonalita' Franciza, tnejn u ghoxrin (22) sena u kienet qeghda Malta ghall-btala u dak iz-zmien kienet qed tghix San Pawl il-Bahar. Il-Health and Safety Authority gew infurmati fejn huma baghtu ukoll fuq il-post lil Silvana Bonello. Il-pulizija sabu li dik is-sit ta' kostruzzjoni kien ta' Stivala and Sons Limited. Il-pulizija tkellmet mas-Sur Michael Stivala li bhala *share holder* li qieghed jaghraf hawnhekk il-persuna fuq in-naha tal-lemin tal-bank li bhala *share holder* kien qal li fuq il-post ma kien hemm l-ebda xoghol ta' kostruzzjoni ghaddej izda kien hemm persuna li kien qed jaghmel xi tindif fl-istess post. Dan il-persuna kien barrani u kien gie identifikat bhala Moamer Salama li qieghed jaghraf bhala l-persuna li hemm bilqieghda fin-nofs tal-bank.

Qal li Sofia Audrey kienet iccertifikata minn Dr. Biancardi mill-Accident and Emergency Department tal-Mater Dei li kienet qed issofri minn griehi ta' natura gravi izda ma kinitx fil-periklu li titlef hajjitha. Il-pulizija tkellmet ma' Moamer Salama fejn dan stqarr li kien qieghed jaghmel xi xoghol fuq il-post tal-incident u dakinhar kien baghtu hemmhekk Mr Michael Stivala li baghtu jnaddaf l-ewwel u t-tieni sular tas-sit. Is-Sur Salama zied li xi ftit minuti qabel nofsihar (12:00) waqaf biex jiehu break u telaq minn fuq is-sit u mar go hanut jiehu xi haga x'jiekol fi Triq Rue D'Argens. Sakemm kien hemmhekk ma kien gara xejn skond kif qal hu, izda kif wasal lura madwar nofs siegha wara kif mar fuq il-post hu osserva li fit-triq kien hemm tfajla mitluqa mal-art fuq il-bankina u f'dak il-hin hu qabad u nforma lis-Sur Michael Stivala b'dan li kien gara.

Is-Sur Michael Stivala ukoll gie mitkellem minnu fejn dan qal li huwa *share holder* ta' Stivala and Sons Limited u huwa l-persuna li ghandhom dik il-binja u qal ukoll li huwa Project Manager tal-istess binja. Il-pulizija kienet giet indikata b'*bar* tal-hadid li kienet madwar metru fit-tul u din kienet indikata bhala l-istess hadida li setghet waqghat fuq ras Audrey imsemmija aktar il-quddiem. Il-Pulizija elevaw din il-hadida u mbaghad wara li hadulha xi ritratti baghtuha ukoll biex jaraw jekk fihiex tracci ta' dmijja fuqha l-Forensika izda dan gie fin-negattiv.

Huwa spjega li qed jipprezenta l-ewwel l-okkorrenza tal-kaz li giet immarkata bhala Dok. JM 1. Dakinhar kien ha ukoll stqarrija lil Moamer Salama wara li dan gie moghti d-drittijiet tieghu u giet indikata bhala Dok. JM 2 u stqarrija ukoll li ha lil Michael Stivala li giet dokumentata bhala Dok. JM 3. Ipprezenta wkoll kopja tac-certifikat mediku ta' Audrey Sofia li gie mmarkat bhala Dok. JM 4. Mistoqsi x'sar minnha din il-hadida spjega li din effettivament giet

elevata mill-pulizija u tinsab fil-pussess taghhom u pprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi din l-istess hadida.

Illi nhar il-15 ta' Settembru, 2014 xehdet **Sylvana Bonello** u spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' *Health and Safety Officer*. Nhar l-Erbgha (4) ta' Gunju, tas-sena 2012 kienet mghajta sabiex tmur tinvestiga *accident* li kien sehh gewwa x-xatt tal-Gzira quddiem il-fond 166, *corner* ma' Patrick Stuart Street, Gzira. Spjegat illi effettivament l-incident kien diga' sehh pero' fuq il-post kienet sabet zewg (2) pulizija u propjament lil PC978 Abdilla u PC828 Steve Camilleri.

Spjegat illi fil-fatt kien hemm sit tal-kostruzzjoni li kienet maghluqa u ghalhekk ma kellhiex access ghal gewwa. Spjegat illi l-pulizija tkellmet maghhom imma huma wkoll ma kellhomx access u kienu qeghdin jistennew sabiex jigi xi hadd fuq il-post pero' fil-pront wasal Carlo Stivala, *Identity Card Number* 23589M. Dana fil-fatt kien informa li s-sit kien taghhom u li kien effettivament ta' *First Aid*.

Spjegat li huwa fethilhom is-sit, infurmaha li effettivament kien waqa' oggett pero' fejn kien waqa' l-oggett ma kienx jaf.

Ghamlet spezzjoni tas-sit, gibdet xi ritratti u esebiet dawn l-istess ritratti li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. Spjegat illi fuq is-sit kien hemm kollox *Project Supervisor*, kien hemm ukoll *Notification Form* ghalkemm meta dahlet fil-fond kien hemm gallarija miftuha u t-tarag kien miftuh.

Insegwitu l-ghada kienet ghamlet *meeting* ma' Michael Stivala li kien il-*Project Supervisor* tal-*Construction*, kif ukoll wiehed mid-Diretturi.

Hu qalilha li *onsight* ma kienx qed isir xoghol ghalkemm kien qed isir biss tindif u kien hemm persuna barrani li ghamel it-tindif. Pero' meta marret fuq il-post, din il-persuna ma kinitx prezenti.

Hija regghet marret *on the sixth* u sabet li s-sit kien irrangat kollu. Fis-sens illi t-tarag u l-gallariji kienu kollha maghluqa. Esebiet kopja tan-*Notification Form* li giet immarkata bhala Dokument Z1, kopja tal-*Health and Safety Plan* li hija mmarkata bhala Z2. *On the 4th* hija kienet tat *stop order* u kienet ghaddietha lil Michael Stivala *on the 5th* u fil-fatt hemm ircevuta fuqha stess u din giet immarkata bhala Dokument Z3. Esebiet kopja ta' *remedial works* li saru on the 6th li gew immarkati bhala Dokument Z4.

Ir-ritratti li gew esebiti minnha u mmarkati bhala Dokument Z huma ritratti mehuda minnha dakinhar tal-ispezzjoni *4th September*. Fuq il-font ma sabet l-ebda haddiema meta marret hija *on the 4th June* u bhala apparat kien hemm biss *scaffolding* zarmat kif indikat fir-ritratt numru hdax (11). Ir-ritratt *thirteen* (13) u fourteen (14) allegatament huwa l-oggett li waqa' skont informazzjoni mghotija lilha mill-pulizija. Spjegat li ghalhekk irrizultalha li l-oggett ma kienx fuq il-post meta marret ghaliex kien diga' elevat mill-Pulizija.

**Sylvana Bonello** xehed nhar it-3 ta' Ottubru 2017 in rapprezentanza tal-OHSA fej qalet illi hija m'ghadniex tahdem mal-OHSA. Kkonfermat li waqt l-ispezzjoni li hija kienet ghamlet gewwa x-Xatt tal-Gzira fl-2012, xoghol construction fis-site ma kienx qed isir u dana fil-hin li waslet hi. Fil-fatt ma rat l-ebda *crane* jew haddiema jew xi ndikazzjoni li effettivament ftit qabel kien qed isir xi xoghol. Giet murija d-dokumenti esebiti f'dawn l-atti a fol. *eighty-one* mmarkati bhala dokument Z sa Z4 u qalet li huwa minnu li dawn id-dokumenti rathom imwahhla mal-hajt tas-sit.

Meta marret fuq is-sit taf li kellha tag tal-OHSA fuqha u kienet iddentifikat ruhha qabel ma tkellmet ma' Michael Stivala li gharfet prezenti fl-Awla. Hi fil-fatt ma kinitx qaltlu lis-Sur Michael Stivala li dak li kien se jghid jista' jingieb bhala prova kontra tieghu ghaliex qatt ma kellha l-ordni biex taghmel hekk. Kienet qaltlu li kienet giet mghajta biex tara fuq l-accident li kien gie rrappurtat. Ezatti kif saru l-fatti f'dan il-kaz ma tiftakarx. Access ghall-file m'ghandhiex. Pero' taf li fil-parti ta' fuq effettivament kien hemm xi hajt li kif kien kien perikoluz u fil-fatt kienet qaltlu biex jigi jirrangah. Indikat l-parti ta' fuq tad-dokument Z. Qalet li kien perikoluz ghaliex ma kienx hemm *scaffolding* u ziedet li ma kienx marbut u seta' jinqaleb.

Giet murija r-ritratt Dok. Z esebit f'dawn l-atti u appuntu s-sular ta' fuq ta' dan il-blokk appartamenti. Qalet illi s-sular kien mibni pero' ma kienx ghadu msaqqaf. Mistoqsija jekk effettivament stante dan in-nuqqas li hija rat ghaliex ma nizzlithiex fl-*istop notice*, qalet li ma tafx ghaliex effettivament m'ghamlitx dan. Hi fl-ebda hin pero' ma tkellmet ma' xi perit fuq dan il-hajt u lanqas m' ghandha kwalifiki ta' perit.

Qalet li skont d-dokumenti tal-MEPA mwahhlin mal-hajt jidher li kien hemm perit pero' huwa xenzja propria ma tafx. Hi pero' ma tkellmitx ma' perit biex tara xi struzzjonijiet kien qed jaghti hu. Fuq il-post taf li kien hemm *project supervisor* u mistoqsija jekk hi ghamliltx xi verifiki mieghu u tkellmitx ma' dan Aldo Busuttil tal-IME qalet li ma tiftakarx, pero' taf li jekk kellmitu hemm miktub fil-file. Pero' taf li hija procedura li suppost tkellmu lil dan Aldo Busuttil. Qalet ukoll li dan il-file inkwistjoni hi ma lahqitx ghalaqitu ghaliex meta telqet kien ghadu miftuh. Hi telqet iktar minn tlett snin u nofs qabel.

Tenniet tghid illi ma tistax tghid x'gara dak il-hin pero' jista' jaghti l-kaz li kellmitu u jista' le.

Qalet illi peress li ma tiftakarx jekk kellimtux jew le, ma tistax tghid jekk effettivament irrizultalhiex li effettivament kien qed isir xi haga li mhux suppost kienet qed issir. Huwa minnu li hi kienet harget *stop notice*. Rat id-dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument Z3 datat 5 ta' Gunju 2012 mahruga f'isem Michael Stivala dwar *stop order* 165/166 The Strand Gzira. Kkonfermat li dan id-dokument gie mahrug minnha. Rat wkoll dokument datat 2012 indirizzat lill-istess Michael Stivala dwar *confirmation in writing following revocation of stop order* fuq l-istess proprjeta' u qalet illi din kienet harget peress li x-xogholijiet li kienet ordnat li jsiru, kienu saru.

Qalet illi f'din l-*istop order* ma hemm l-ebda referenza ghall-hajt li tkellmet dwaru, ghamlet referenza biss ghall-waqghat fl-gholi, l-*bullet number two*. Mistoqsija ghaliex hi talbet li jsiru *scaffolding* fis-sit minkejja li ma kinux qed isiru xoghlijiet dak il-hin, wiegbet, li fil-fehma taghha dak iz-zmien rragunat illi peress li waqghet bicca hadida li fil-fehma taghha dehret li kienet parti mill-iscaffolding kien qed isir xi xoghol, pero' hi xoghlijiet ma ratx. Kien ghalhekk li hi talbet li jsiru scaffolding biex f'kaz li jsir xi xoghol u jidhol xi hadd ikun hemm waqaf mill-gholi.

Ix-xhud reghhet xehdet waqt ri ezami tal-kontroezami fejn qalet li fil-fehma taghha skont il-*Legal Notice 281* xi tip ta' lqugh minn gholi jrid ikun hemm pero' bl-amment ma setghetx tghid ghax il-Legal Notice ma kinitx f'idejha. Qalet illi kien hemm partijiet minnu li kien hemm ilqugh, pero' kien hemm xi gallariji per ezempju li kellhom il-genb miftuh. Fil-fehma taghha *Legal Notice 281* hi s-soltu tapplika meta jkun ghaddej ix-xoghol.

Illi nhar il-15 ta' Settembru, 2014 xehdet **Dr Claudine Fenech** u spjegat li hija qed tixhed ghan-nom u rapprezentanza tal-MFSA. Esebiet kopja tal-*Memorandum of Articles in Association* tas-socjeta' *Stivala's Operators Limited*, liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MFSA.

Dana partikolarment kif kien fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena, 2012 w'appuntu min kienu d-Diretturi u spjegat u kkonfermat li d-Diretturi ta' din is-socjeta'. Dakinhar kien Carmelo Stivala wahdu, karta tal-identita' numru 847533M.

Illi nhar it-30 ta' Dicembru, 2014 xehdet **WPS 33 Bernardette Valletta** u spjegat li fl-erbgha (4) ta' Gunju, tal-elfejn u tnax (2012) hija kienet stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema fejn ghall-habta tal-hdax u nofs u sitt minuti (11:36) kienet dahlet telefonata l-Ghassa fejn kienu gew infurmati mill-Control Room illi fi Triq Patrick Stewart, il-Gzira kantuniera ma' The Strand kien hemm *site* tal-*construction* li kellha l-iscafolding u parti mill-iscafolding kien waqa' fuq mara li kienet ghaddejja minn dik l-istess triq. Hija fil-fatt kienet is-Surgent inkarigata minn din l-okkorrenza. Esebiet kopja ta' din l-okkorrenza ffirmata minnha, liema okkorrenza giet iffirmata mill-Qorti bhala dokument WPS.

Spjegat illi dan ir-rapport jidher li dahal minn WPC 261 u dana ghaliex kienet it-tieni gurnata tieghu li huwa dahal lura fil-Korp tal-Pulizija u kien ghad m'ghandux *password*.

Illi nhar it-30 ta' Dicembru, 2014 xehdet **Silvana Bonello** u spjegat li qed taghmel referenza ghax-xhieda li hija kienet tat fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Settembru 2014 b'mod partikolari ghad-data ndikata minnha tal-erbgha (4) ta'

Gunju, 2012. Ikkonfermat li l-incident inkwistjoni kien sehh fl-erbgha (4) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehed PS1354 **Claudio Redent Coppola** u spjega illi nhar l-erbgha (4) ta' Gunju, 2012 kien hemm WPS 33 li hija stazzjonata l-ghassa tal-Pulizija tal-Gzira u spjega li dak iz-zmien ta' dan l-incident kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, fejn kienet infurmatu li kien hemm persuna feruta gewwa Triq ix-Xatt, kantuniera ma' Triq Patrick Stuart il-Gzira. Huwa ghalhekk kien acceda fuq il-post indikat lilu flimkien maghha, flimkien ukoll ma' PC 485. Spjega li fuq il-post sabu persuna ta' nazzjonalita' barranija li kienet femminili u spjega li effettivament kellha xi griehi. Spjega li n-nies ta' madwar kienu qalulu li kienet waqghet xi hadida ghal fuqha pero' hadida hdejha ma kienx hemm.

Spjega illi effettivament in-nies ta' madwar qalulhom illi din il-hadida kienet ingabret minn Carlos Stivala u kienet intefghet gewwa l-bini stess. Huwa kien dahal fil-*construction site* u spjega li fit-tieni sular kien hemm hafna hadid ippustjat u kien hemm ukoll persuna wahda gewwa. Wara kienu tkellmu ma' Carlos Stivala u filfatt kien tahom din il-hadida lura. Mistoqsi min kienet il-persuna fil-*construction site* dakinhar spjega li kien l-imputat li qed jaghraf prezenti fl-awla bhala Moamer Salama. Gie muri dokument Z konsistenti f'hadida forma ta' kanna u spjega illi dik hija l-istess hadida li huwa gabar dakinhar. Gharafha peress li fil-parti t'isfel taghha ghandha kamin u huwa kien ghaddiha lill-Ispettur Jesmond Micallef ghal aktar stharrig.

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehed **Albert Schranz** u spjega li huwa kien qieghed fit-triq faccata tal-istabbiliment tad-Dahlia u ftit qabel kien qed ihares lejn il-*construction site* in kwistjoni u sussegwentement dar ghax kienet

ghadha kif qasmet il-mara. In segwitu sema' ghajta u mbaghad sema' hoss ta' pajp mal-art speci ta' ha jaqa'. Spjega li effettivament jaf li kien pajp ghaliex wara hares u ra li kien hemm pajp mal-art. Huwa qasam it-triq mal-art biex jara jekk setghax jghin. Dan ghaliex ra n-nies jigru lejn l-akwata. Filfatt l-ewwel hsieb li kellu hu li waqa' xi hadd minn fuq. Spjega li effettivament fl-akwati kien ra bniedem liebes *t-shirt* isfar. Spjega illi fl-akwati kien hemm ragel u zewg nisa jghinu. Kien hemm mara mal-art u ghajnejha kienu speci mitlufin. Demm ra wkoll mal-art pero' ma rax il-ferita ghaliex rasha kienet mal-art. Wara sar jaf li din kienet ta' nazzjonalita' barranija. Fil-vicinanzi ra xi pajp fit-triq. Gie muri pajp esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument Z u spjega illi dan m'huwiex il-pajp. Kien pajp *galvanized*. Kien 1.2 *metres* gholi. Spjega li filfatt jahseb li din kienet pajp li kienet se tintuza' bhala *guard rail*. Huwa filfatt inginier bi professjoni. Zgur li l-pajp in kwistjoni ma kellux kamin. Esebixxa ritratti mehuda minnu dakinhar stess mill-*mobile* tieghu ftit qabel il-hdax u nofs ta' filghodu (11.30hrs). Dawn id-dokumenti gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument AS1, 2 u 3.

Jemmen illi l-pajp in kwistjoni kien wiehed kif muri fid-Dokument AS3 fir-ritratt parti t'isfel li qed jintuza' bhala lqugh fil-gallarija hdejn il-kolonni. Il-persuna li kienet fil-*construction site* liebsa flokk isfar spjega li kienet fuq nett fit-tieni sular u spjega illi effettivament kien rah hemm xi hames minuti qabel l-incident. Mistoqsi jekk jaghrfux fl-awla spjega li ma jaghrafhiex din il-persuna. Spjega li l-incident sehh fl-erbgha (4) ta' Gunju, 2012 ghall-habta ta' 11.15 a.m u 11.20hrs.

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehed **Michael Jeffrey Paulton** u spjega li jiftakar fl-erbgha (4) ta' Gunju 2012 kien qed johrog il-mutur mill-garaxx u sema'

twerziqa u sema' pajp jibbownsja mal-art. Il-garaxx tieghu jinsab Patrick Stuart Street, il-Gzira. Halla l-mutur, mar jara x'qed jigri, jaf li kien hemm xi konfuzjoni. Spjega illi l-pajp kien f'nofs il-wisgha ta' Stuart Street u spjega li effettivament jaf li mar jigbru Stivala u huma qalulu biex ihallieh hemmhekk, gabru xorta u jaf li tefghu minn fuq ic-cint. Esebixxa ritratt ta' dan il-pajp. Hu wera l-*mobile phone* tieghu fejn fuq dan il-*mobile phone* hemm ritratt ta' dan il-pajp, anzi ta' ragel li gabar il-pajp. Huwa prometta li jesebixxi kopja ta' dan ir-ritratt fis-seduta sussegwenti. Hu wera ritratt ta' din il-persuna lill-avukat difensur. Mal-art jaf li kien hemm tfajla mitluqa mal-art u kien hemm xi nies iduru maghha. Huwa jaf li din it-tfajla kienet imdawra bin-nies u ghalhekk ma rax jekk kellhiex xi feriti jew xi dmija madwarha. Gie muri pajp li huwa mmarkat bhala Dokument Z u spjega li definittivament m'huwiex dan il-pajp li kien involut f'dan l-incident.

Mistoqsi jekk prezenti fl-awla hemmx xi nies li kienu prezenti dakinhar tal-incident spjega illi le ma jafx li hemm. Mistoqsi jekk osservax li kien qed isir xi xoghol f'din il-binja qabel l-incident, jekk kienx hemm xoghol dak il-hin stess qed isir ma setax jghid. Dana kien pajp normali, l-istess hxuna pero' ma kellux kamin u spjega li kien *galvanized steel*.

Illi nhar is-17 ta' Marzu, 2015 xehed **Michael Jeffrey Paulton** u spjega li kien obbliga ruhu fis-Seduta precedenti jesebixxi ritratt tal-hadida inkwistjoni anzi ta' persuna li dakinhar kienet tidher li kienet giet imwegggha fuq il-post. Spjega li ghandu ritratt tal-persuna li effettivament kien gabar il-*pipe* u kien sussegwentement tefghu l-fuq, fuq ic-cinta. Dan ir-ritratt gie esebit prezenzjalment u mmarkat mill-Qorti bhala dokument MJP. Ghamel cirku madwar il-persuna li indika bhala l-persuna li gabar din il-hadida.

Effettivament spjega li l-persuna murija fir-ritratt MJP m'hijiex wahda mill-imputati odjerni.

Illi nhar is-17 ta' Marzu, 2015 xehed **PS659 Jeffrey Hughes** u spjega li ghall-habta tas-sitta (6) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnax (2012) kien mar il-Kuntistabbli 1590 Michael Pace li jahdem il-Laboratorju Forensiku anzi spjega li kien mar fil-Laboratorju Forensiku u kien mar ghall-habta tat-tlieta neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar (14:50). Fil-fatt kien urih kanna tal-hadid u effettivament spjega li ma tantx kienet vijabbli ghal xi ezamijiet. Kien talbu sabiex isiru xi ezamijiet fuqha ai fini ta' demm u dan ghaliex kien inghata tali struzzjonijiet mill-Ispettur Jesmond Micallef. Huwa ghamel l-ezamijiet viswali kif ukoll kimici fuq l-oggett u ma rrizultalu xejn. Sussegwentement huwa ghadda din l-istess kanna lil PC 1590 lill-Pulizija wara xi ghoxrin (20) minuta. Huwa spjega illi ma jistax jikkonferma ghaliex effettivament huwa kien ra din il-hadida xi tlett (3) snin ilu. Spjega li jiftakar biss li kienet griza u twila xi tlett (3) piedi.

Illi nhar it-28 ta' April, 2015 xehdet **Sofia Oudri** bil-lingwa Franciza tradotta ghall-Malti spjegat li tiftakar illi fl-erbgha (4) ta' Gunju, tat-*two thousand and twelve* (2012) hija kienet qeghda hawn Malta, kienet ghaddejja minn triq principali tal-Gzira u kienet sejra fid-direzzjoni ta' Ta' Xbiex flimkien ma' ohtha u ma' huwha u r-ragel t'ohtha. Ohtha kienet quddiemha waqt li r-ragel taghha kien warajha fil-kantuniera ta' Triq Patrick Stuart.  Ohtha qasmet it-triq u hija kienet ghadha fil-kantuniera, kellimha r-ragel t'ohtha u hija daret biex titkellem mieghu u staqsieha xi domanda u minn hemm il-quddiem ma tafx iktar x'gara.

Filfatt hija spiccat sahansitra l-isptar. Filfatt hassitha hazin, kellha gisimha jugghaha. Sahansitra kellha anke ugiegh f'rasha u bdiet tisma' hazin u lanqas gharfet min kien madwarha lanqas lil ohtha u r-ragel taghha. Filfatt imbaghad mar it-tabib ghamlet *scan*. Dan qalilha li kien perikoluz biex tigi operata f'rasha. Stqarret li kellha frattura f'rasha, kellha girfa f’dirghajja wkoll u wiccha minfuh. Spjegat illi hitulha u ghamlulha l-punti f'rasha. Ikkonfermat li ghamlet gimgha shiha l-isptar u ma mxietx. In oltre qalet li ghamlet hames (5) tijiem go *wheelchair*. Fl-ahhar gurnata bdiet tifhem dak li effettivament kienet ghaddiet minnu, pero' dak li gara minn meta effettivament gara l-incident fit-triq sakemm waslet l-isptar ma tafx iktar x'gara. Sa llum il-gurnata ghadha ma tiftakarx kif sehh l-incident.

Hija ma tafx ezattament kif effettivament sehh l-incident pero' ohtha qaltilha li kienet waqghet xi hadida fuq rasha. Ohtha jisimha Nadia Audri u zewgha jismu Andrea Ridwane Choukroun. Hija filfatt kienet hawn Malta ghal *stage* ta' erba' (4) xhur u kienet qed tispicca l-istudji taghha fl-ekonomija. Hija kellha taghmel dan l-istage biex tivvalidita s-sena, pero' minhabba dan l-accident hija kellha twaqqaf dan l-istage. U ghalhekk ma spiccatx dan l-istage.

Qalet li wara l-accident hija ghamlet xahrejn (2) fis-sodda. Hija kellha tahdem fix-xahar ta' Lulju, Awwissu u Settembru biex thallas l-istudji taghha pero' ma setghetx tahdem iktar. Fix-xahar ta' Settembru regghet bdiet l-iskola. Spjegat li hija fil-fatt regghet bdiet bil-hajja normali fix-xahar ta' Settembru, bdiet issuq, regghet bdiet tmur l-iskola. Spjegat illi minkejja li regghet bdiet tahdem kuljum ikollha daharha jugghaha.

Mistoqsija mill-Qorti jekk hija rnexxiliex iggib id-diploma fl-ekonomija spjegat li iva kellha taghmel xi *negotiations* mal-iskola pero' illum ghandha

din id-diploma. Giet murija dokumenti li huma esebiti f'dawn l-atti a fol. *eighty one* (81) immarkati bhala dokument Z et sequitur u spjegat li hija qed taghraf dawn ir-ritratti bhala r-ritratti tal-lokalita'. Indikat lill-Qorti r-ritratt immarkat bhala dokument Z4 u spjegat li hija kienet miexja fid-direzzjoni fejn hemm l-abjad gejja minn wara. Kienet proprju qabel ma waslet ghall-kantuniera meta nqala' l-incident.

Mistoqsija jekk kienx hemm xi *protection* spjegat li le ma kienx hemm. Spjegat illi dak l-injam li kien hemm fuq l-iscaffolding muri f'dawn ir-ritratti fil-gurnata tal-incident ma kienx qieghed hemmhekk. Ma kien hemm xejn minn fejn ghaddiet hi.

Illi nhar it-28 ta’ April, 2015 xehdet **Nadia Oudri** bil-lingwa Franciza tradotta ghall-Malti u spjegat li hija filfatt kienet miexja fit-triq li tmur ghal Ta' Xbiex. Hija kienet m'ohtha u mar-ragel taghha. Hija kienet quddiemhom, u kienet diga' qasmet it-triq fejn kien hemm il-kantuniera fejn sehh l-accident. Filfatt meta kienet lahqet qasmet it-triq semghet hoss ta' hadid, daret u rat li kien hemm bicca hadida li waqghet fuq ras ohtha. Wara taf li waqghet mal-art. Spjegat li ohtha filfatt kienet mal-art, kienet *unconscious*. Filfatt bdiet tghajjat u kien hemm hafna nies li gew madwarhom u spjegat li meta bdiet tghajjat xi hadd nizel minn fuq li gie proprju vicin taghha beda jmiss u jzomm rasu u jghid le, le, le.

Spjegat li filfatt il-persuna li zamm rasu hija l-persuna li gharfet fuq il-bank tal-Qorti fuq in-naha tax-xellug maghruf bhala Michael Stivala. Spjegat li filfatt il-bicca metall li waqghet fuq ras ohtha tgerbet ghal quddiemha. Qalet li filfatt kienet twila xi metru. Spjegat li d-dijametru taghha kien madwar xi sitt (6) centimetri. Filfatt fit-tarf taghha kien hemm qisu zewg (2) *gadgets*. Hija

ma tafx minn fejn waqghet il-bicca hadida pero' taf li waqghet fuq ras ohtha, ma tafx mil-liema sular waqghet. Ikkonfermat li ma kien hemm l-ebda *scaffolding* fit-triq dakinhar. Lanqas dawk li hemm murija fir-ritratt ma kienu hemm dakinhar. Spjegat li kienet qed tara ukoll id-demm ta' dak li sehh dakinhar. Mistoqsija jekk hux qed tara l-bicca hadida li waqghet spjegat li fuq dawn ir-ritratti mhijiex qed taraha. Spjegat li qed tara bicciet tal-hadid fir-ritratti wkoll hemm esebiti u spjegat illi hija ma rathomx hemm dakinhar. Qalet illi filfatt il-hadida li waqghet fuq ras ohtha tixbaha, filfatt spjegat ukoll li kien hemm dawk il-bicciet tal-hadid madwarha.

Stqarret li filfatt il-bicca hadida li waqghet tixbah lil dawk tar-ritratti esebiti f'dawn l-atti pero' spjegat illi fejn filfatt hemm qisha xlief fuq din il-metall kienet mhux tinsab fin-nofs izda fit-tarf taghha. Giet murija ritratt a fol. 126 tal-atti kif ukoll ritratt iehor muri a fol. 116. Spjegat li l-persuna murija fuq a fol. 116 u 126 m'hijiex l-istess persuna li hija qalet li gabret il-hadida, anzi spjegat li hija ma ratx il-persuna tigbor bicca hadida li waqghet. Hi kull ma tista' tghid li l-persuna li hemm quddiem il-Qorti hija l-persuna li kienet ma' genbha u bdiet izzomm rasha.

Hija ma regghetx ratha l-persuna mputat bhala Michael Stivala wara l-accident illum l-ewwel darba li ratha. Qatt ma giet mitluba sabiex tiddentifika din l-istess persuna qabel illum. Iva kienet taf li l-imputati huma l-proprjetarji tal-proprjeta', pero' isimhom ma tafux. Filfatt spjegat li a fol. 116 qed tara dirghajha fiz-zewg (2) ritratti u spjegat a fol. 114 hemm ir-ritratt taghha, *t-shirt orange*. Spjegat li huma a fol. 115. Spjegat li a fol. 126 hija tinsab ukoll murija baxxuta.

Hija kkonfermat li n-nies li hemm fuq dawn ir-ritratti huma l-istess nies li kienu prezenti waqt l-incident. Spjegat illi fil-jum tal-incident l-affarijiet kienu kif inhuma murija fir-ritratt dokument Z. Ikkonfermat li r-ritratti murija fid-dokument Z huma l-istess bhall-jum tal-incident. Giet murija wkoll ir-ritratti li huma mmarkati bhala Dok. Z4 u qalet li effettivament l-affarijiet ma kinux hemm dawk murija fuq id-dokument Z4 fil-jum tal-incident.

Illi nhar it-28 ta' April, 2015 xehed **Ridwane Choukroun** bil-lingwa Franciza tradotta ghall-Malti u spjega li huwa kien nizel mill-*bus* flimkien mal-mara tieghu u ohtha. Huma xtaqu jmorru lura biex jigbru l-bagalja taghhom mill-appartament. Il-mara tieghu kienet miexja ftit il-quddiem minnhom. Spjega li ohtu kienet quddiemu, filfatt f'hin minnhom jaf li daret biex tkellmu u f'hin minnhom taf li waqghet mal-art. Din waqghet mal-art ghaliex waqghet xi haga fuq rasha. Huwa jaf li waqghet bicca hadida fuq rasha. Huwa mbaghad ra l-mara tieghu tghajjat u mill-ewwel fehem x'kien gara, anzi spjega li meta sema' l-mara tieghu tghajjat ghall-ewwel ma fehemx x'kien gara. Ra lil ohtha taqa' mal-art u mar ma' genbha. Spjega li ftit sekondi wara ntilfet minn sensiha, prrova jitkellem maghha u filfatt wara ftit jaf li giet f'sensiha u baqa' jipprova jitkellem maghha. Ghall-ewwel ma rax demm hiereg minnha. Imbaghad harget persuna mill-bini li kienet taht *construction* bdiet izzomm rasha. Filfatt haseb li persuna li harget mill-bini u bdiet izzomm rasha hija l-persuna li qed jara fuq il-bank tal-Awla bhala Michael Stivala. Huwa beda jghid le, le, le. Filfatt spjega li bdew jigu n-nies madwarhom, bdew ituhom x'jixorbu u affarijiet bhal dawn u dan sabiex jghinuha tigi f'taghha. Filfatt hija hassitha hazin bdiet tirremetti, pero' poggieha la genba. Filfatt wahda mill-persuni li kienet ma' genbha cemplet l-ambulanza u spjega li l-ambulanza waslet malajr. Hu ra bicca hadida tirrowlja 'l quddiem u filfatt spjega li ohtha spiccat fl-

ambulanza lejn l-isptar. Huwa mar maghha u meta waslu tal-ambulanza mar biex jara fejn hi din il-bicca hadida pero' ma sabhiex hemmhekk.

Spjega li l-accident sehh ftit qabel il-kantuniera. Spjega li hu qed jesebixxi numru ta' ritratti li gew mehuda minnu dakinhar ghall-habta tat-tmienja (8:00) jew id-disgha (9:00) filghaxija. Huwa ra l-iscaffolding fuq dak ir-ritratt li kien hemmhekk dakinhar tal-incident. Filfatt fost dawk ir-ritratti spjega illi hemm scaffolding u cioe' speci ta' *protection* ghal min ikun ghaddej minn tahtha li dak il-hin tal-incident ma kienx hemm. Dan bilfors tqieghed wara l-accident u filfatt esebixxa ukoll ritratt tal-gazzetta fejn jindika ukoll illi l-*protective scaffolding* tpogga wara l-incident.

Spjega li r-ritratti ta' ras oht il-mara gew mehuda minnu l-isptar meta kienet marret *nurse* u bdiet tqaxrilha xagharha u spjega li dana kien ghall-habta tal-erbgha (4:00), l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30). Spjega li huwa filfatt kien mar lura fil-post fejn sehh l-incident ghaliex kellu jigbor il-bagalji li ma kinux lahqu gabru qabel.

Illi nhar it-22 ta' Ottubru, 2015 xehdet **Marianne Grech** u kkonfermat li fl-erbgha (4) ta' Gunju, *two thousand and twelve* (2012) hija kienet qeghda quddiem il-bieb tal-ufficcju taghhom li jinsab gewwa The Strand, il-Gzira tpejjep sigarett. Dak il-hin kienet wahedha. Spjegat li effettivament rat virga tal-hadid minn *construction site* taqa' fuq tfajla ta' nazzjonalita' barranija. Fil-fatt din il-*building site* tinsab f'kantuniera. Giet murija r-ritratti a fol. 147 tal-Process u kkonfermat li effettivament din hija l-*building site* in kwistjoni. L-ufficcju taghhom jinsab di fronte dan l-istess bini. Dak il-hin marret taghti l-assistenza lil din it-tfajla. Maghha din it-tfajla kien hemm ohtha u r-ragel t'ohtha.

Spjegat li effettivament waqt li kienet ghadha fuq il-post taf li kienet giet persuna gabret din il-bicca hadida u warrbitha min-nofs poggietha fis-sit in kwistjoni. Spjegat li dak il-hin fuq il-post kien hemm ukoll l-imputat li gharfet prezenti fl-Awla bhala Michael Stivala. Mistoqsija jekk effettivament kienx Michael Stivala li gabar din il-bicca hadida spjegat li ma temminx li kien hu u waqt li kienet fuq il-post taf li gew il-pulizija, giet ukoll l-ambulanza u gew hafna nies. Hi giet mitkellma wkoll mill-pulizija u din hi l-istess verzjoni li qalet lill-pulizija dakinhar a tempo vergine. Mistoqsija jekk hija gibditx ritratti dakinhar tal-incident spjegat li le ma gibditx.

Ix-xhud **Marion Grech** regghet xehdet in kontro-ezami nhar id-9 ta' Gunju 2017 u b'referenza ghax-xhieda li hi kienet tat nhar it-22 t'Ottubru 2015 b'mod partikolari dwar meta hija qalet li rat persuna kunjomha Stivala tigbor kanna minn mal-art u tpoggiha *f'building site,* jekk hi tafx min kienet din il-persuna u cioe' x'jisimha qalet illi le ma tafx x'jisimha. M'huwiex l-imputat odiern, taf li pero' huwa huh.

**Mr Antoine Zrinzo** xehed nhar l-14 ta' Settembru 2016 quddiem l-imputati fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' konsulent f'Mater Dei fil-qasam ta' Neuro Surgery. Gie mitlub sabiex jaghti x-xhieda tieghu dwar il-pazjenta li kellu maghrufa bl-isem ta' Sofia Oudri. Din kienet dahlet l-Emergenza fl-4 ta' Gunju tal-2012 u dan wara li hija kienet miexja u allegatament kienet waqghet xi haga fuq rasha u dahlet l-Emergenza Mater Dei. Sostna illi sabu li l-pazjenta kienet ghadha f'sensiha, kienet agitata u kellha zewg ticrit fil-gilda fuq il-bicca ta' fuq tar-ras. Fil-fatt huwa kien hareg rapport li esebixxa prezenzjalment li l-Qorti mmarkat bhala dokument AZ. It-ticrit gew mehjuta u in segwitu sar CT Scan tar-ras fejn wera li kien hemm *depressed fracture* fil-bicciet ta' quddiem

tal-*parietal bones.* Fil-fatt kienu jinqasmu l-midline, kienu aktar fuq in-naha tal-lemin min-naha tax-xellug u qal ukoll illi kien hemm ftit arja taht il-ksur b'hekk ikun hemm aktar riskju ta' infezzjoni. CT Scan tal-ghonq ma wera xejn li kien hazin, filfatt kien ezaminaha waqt li kienet l-Emergenza u ddiskutew jekk kienx hemm lok li ssir operazzjoni.

Qal li effettivament il-pazjenta baqghat stabbli u ghalhekk ma kienx hemm lok ghall-operazzjoni, pero' d-depression fir-ras baqghat hemm. Naturalment id-depression fl-ghadam. Tenna illi l-*crossing midline* hemm vina importanti maghrufa bhala superior sagittal sinus u jekk tipprova taqla' l-fragments minn hdejha facilment jista' jkun hemm id-demm li difficli twaqqaf. Jekk naturalment kien ikun hemm cappa demm li bilfors trid topera m'hemmx x'taghmel, pero' f'dan il-kaz ma kienx hemm. Sostna illi l-pazjenta baqghat stabbli u ghalhekk ma saritx operazzjoni. Kompla jghid li l-ghada kienu rawha wkoll l-ispecjalisti fl-Ortopedija peress li dina kellha ugigh fuq spallitha x-xellugija. Qal illi l-x-rays f'dan ir-rigward kienu gew normali.

Kompla jghid li l-pazjenta kienet giet discharged fit-8 ta' Gunju u dan ghaliex kienet baqghet stabbli. Fit-13 ta' Gunju tal-2012 nehhewlha l-punti u qal li in segwitu rega' raha fit-12 ta' Lulju tal- 2012 mill-Outpatient, spjegatlu li kienet torqod billejl minkejja li kellha ugigh fir-ras proprju fil-lok fejn kien hemm l-incident. Qal li kellha *stiff neck* ukoll u kellha wkoll ugigh fic-cinturin tad-dahar. Hu kien ezaminha min-naha tan-Neurologija u qal li deficit ma kienx hemm pero' kien hemm limitazzjonijiet mill-movimenti tal-ghonq u tas-sinsla.

Qal li effettivament il-pazjenta marret lura pajjizha f'nofs Lulju cioe' ftit wara li kien raha fl-Outpatient. Qal li successivament hu rega' ra din il-pazjenta u jaf li kienet ghadditlu xi CT Scans li ghamlulha gewwa Grenoble fi Franza.

Kompla jghid li effettivament dawn is-*CT Scans* urew l-istess *findings* li kienu sabu huma hawn Malta u cioe' li kien ghad hemm id-*dipressed fracture* fir-ras. Pero' rega' qal illi capep tad-demm ma kienx hemm u l-arja kienet spiccat inxtorbot. In segwitu tenna li hu rega' raha fit-13 ta' Lulju tal-2015 fejn hija kienet qed tilmenta minn *decreased short term memory* u frekwentement tghidlek: *What did you say? Tell me again.* Qabel kienet tistorja hafna iktar facilment f'mohhha u kien hemm *decrease ability to concentrate* li hija parti minnha u dan zgur li huma kompatibbli mad-daqqa li effettivament kellha. Qal ukoll li kellha ugigh tul is-sinsla, ugigh ukoll fis-side fejn kellha din it-trauma. *Neurological deficit* ma kellhiex. Kellha *tenderness* fuq ir-ras. Il-farretti kienu ghaqdu sabiex ma kinux jidhru, pero' d-*depression* fejn kien hemm il-farrett kien ghadu hemm u qal li kien ghad fadalla limitazzjonijiet fil-movimenti ta' ghonqha.

Qal li effettivament kienet tahdem bhala business manager gewwa kumpanija. Ix-xoghol taghha kien jinvolvi hinijiet twal mit-tmienja ta' filghodu sat-tmienja ta' filghaxija, pero' kellha tiehu *frequent rests*. Qal illi xoghlha jinvolvi hafna sewqan mal-elf kilometru fil-gimgha u ghalhekk dan ukoll jghajjiha u qal li effettivament hu stabbilixxa li kellha *twenty-one percent disability, permanent disability*. Dan minhabba *limitation* tal-ghonq, minhabba d-dipressjoni li kellha f'rasha kif ukoll il-kambjament mentali.

Huwa minnu li ghall-ewwel hu kien ra lill-pazjenta bhala xoghol tieghu minn Mater Dei mal-gvern u sussegwentement kien raha bhala pazjenta privata. Bejn l- 2012 u s-sena 2015 hu ma kellux kuntatt ma' din il-pazjenta. Mistoqsi jekk ghamilx xi testijiet dwar dawn l-affermazzjonijiet taghha u cioe' *short memory* u ugigh fir-ras, qal illi difficli taghmilhom dawn it-tip ta' testijiet

ghax ma tkunx taf il-pazjenta minn qabel u ghalhekk ma sarux, naturalment hija dwar dak li jikkomplejnja l-pazjent, hija kwistjoni suggettiva.

Qal illi hmistax-il percentwali hija mental changes, three percent (3%) tal-farrett u three percent (3%) minhabba l-movimenti tal-ghonq, riduzzjoni taghhom. Il-farrett inkwistjoni jinsab wara l-hair line u m'hemmx sfregju viziv. Qal illi huma juzaw skeda Germaniza, xorta tinghata l-persentagg f'kazijiet fejn ikun hemm depression, Naturalment kieku fil-wicc il-persentagg ikun ikbar. It-three percent (3%) hija d-depression fl-iscalp. Qal ukoll illi l-kwistjoni ta' three percent (3%) tal-ghonq hija soggettiva. Din hija kwistjoni li ukoll taqa' fir-realm tieghu.

*Ir-range of movement* tista' tezaminah, pero' qal li naturalment pazjenta tista' zzomm. Naturalment hu ezaminha qabel ma wasal ghal din il-konkluzzjoni, pero' qal li naturalment kollox jiddependi kif tirreagixxi l-pazjenta ma' dak li jitlobha hu dwar movement. Sostna illi l-pazjenta hija hyperexcitable - meta tezaminha certu affarijiet toqmos u ghalhekk *her body muscles go on the defence* u b'hekk xoghlu jkun aktar difficli. Naturalment hu ezamina bizzejjed pazjenti li jista' jiffilterja certu affarijiet.

Illi nhar is-17 ta' Novembru 2016 xehed **PL Quentin Tanti** ghan-nom u in rapprezentanza ta' MFSA gie mistoqsi jghid min kienu d-diretturi jew rapprezentanti tas-socjeta' C. Stivala & Sons Limited nhar l-4 ta' Gunju 2012 u qal illi mill-verifiki li ghamel irrizultalu li kien hemm kambjament fil-Memorandum and Articles ta' din l-istess kumpanija f'Novembru 2007 liema Memorandum and Articles gie pprezentat u mmarkat mill-Qorti bhala

Dokument MFSA1 u qal illi mit-12 ta' Novembru 2007 id-direttur kien Carmelo Stivala. Qal ukoll illi kien chairing director. Kellu wkoll legal and judicial representation. Qal illi dak iz-zmien fl-2007 l-unika direttur kien Carmelo Stivala. Qal illi kien hemm kambjament iehor fil-Memorandum and Articles ta' din il-kumpanija fis-sena 2013 (30 ta' Dicembru). Kkonferma li Michael Stivala ma kienx direttur fl-4 ta' Gunju 2012. Kien jokkupa l-kariga ta' secretary.

**Aldo Busuttil** xehed nhar il-25 ta' April, 2017 in rapprezentanza ta' AME Health and Safety Services fejn gie muri_zewg dokumenti li jinstabu esebiti a fol. wiehed u tmenin tal-atti immarkat bhala dokument Z1 u Z2 u qal li hemm in-*Notification Construction form,* din issir lill-Awtorita' tas-Sahha u huwa mnizzel bhala project supervisor maghrufa bhala PSDS u gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument u dana gewwa l-fond 165, 166, The Strand, Gzira. In-notifika saret lilu f'Marzu, 2012 u d-dokument l-iehor li huwa mmarkat bhala dokument Z2 huwa s-Safety Plan u dana sar mis-Socjeta' AME Health and Safety Services Limited u dan jikkoncerna l-istess kostruzzjoni.

Mistoqsi jekk huwa marx fuq il-post inkwistjoni qal li huma kull ma ghamlu kien li ghamlu d-dokumenti u ssottomettewhom lill-Awtorita'. Qal li fil-fehma tieghu l-*Project Supervisor* li huwa nkarigat *ghad-design stage* m'ghandux responsabbilta' biex imur fuq is-sit u ghalhekk huma kienu biss responsabbli ghall-*paper work*.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar xhieda xi tressaq u dan fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2017 meta l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.

Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju, 2017 meta gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-30 ta' Dicembru, 2016 fejn ftit wara l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kawza tigi trattat bi procedura sommarja (fol 249).

Rat illi d-difiza fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2017 iddikjarat li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq (fol 260).

Semghet lill-partijet jittrattaw il-kaz u jitolbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti specie tal-kaz huma pjuttost semplici minkejja li huma pietuzi. Il-fatti *per se* fil-maggor parti m'humiex ikkontestati izda hija r-responsabbilita' tal-incident li qed tigi kkontestata. Bhala fatt jirrizulta li nhar l-4 ta' Gunju 2012 kien hemm Sinjura Franciza bl-isem ta' Sofia Oudri li kienet ghaddejja mix-Xatt ta' tas-Sliema flimkien ma' xi familjari taghha ghall-habta tal-11.15am meta appena waslet quddiem sit li kien ghadu taht kostruzzjoni, giet milquta minn xi kanna tal-hadid li allegatament waqghet minn dan il-bini, laqtet lilha u spiccat b'ferita f'rasha, liema ferita skond ma gie ccertifikat mill-Konsulent Zrinzo hi ta' natura gravi tant li illum ghanda dizabbilita' permanenti. (vide Dok AZ esebit a fol. 211). Jirrizulta mill-atti processwali (u dan m'hu kontestat minn hadd) li dakinhar tal-incident, u cioe' nhar l-4 ta' Gunju 2012 ma kien qed isir l-ebda xoghol fis-sit in kwistjoni izda kien hemm biss persuna wahda li giet identifikata bhala l-imputat Moamer Solama li kien qed inaddaf is-sit. Jinghad ukoll f'dan l-istadju bikri tas-sentenza li ma giex provat li meta fil-fatt waqghet din l-allegata hadida Moamer Salama kien fuq is-sit.

Fil-hin ta' l-incident jidher li ma kien hemm hadd fuq is-sit lanqas haddiema. Il-fatt li ma kienx qed isir xoghol ta' kostruzzjoni hu konfermat kemm minn Michael Stivala stess waqt ir-rilaxx ta' l-istatement tieghu kif ukoll mir-rapprezentant tal-OHSA Sylvana Bonelllo li tghid "*Nikkonferma li waqt l-ispezzjoni li jiena kont ghamilt gewwa ix-Xatt tal- Gzira fis-sena 2012, xoghol construction fis-site ma kienx qed isir u dana fil-hin li wasalt jien. Fil-fatt ma rajt l-ebda crane jew haddiema jew xi indikazzjoni li effettivament ftit qabel kien qed isir xi xoghol*."

Illi l-OHSA ghamlet investigazzjoni hi ukoll. L-ufficjal li mexxiet din l-investigazzjoni kienet Sylvana Bonello. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni Bonello kienet tkellmet ukoll ma' Carlo Stivala li kien ikkonfermalha li fil-fond ma kienx qed isir xi kostruzzjoni.

Jinghad pero' li f'din il-kawza tnejn mill-imputati gew akkuzati kemm fil-vesti taghhom personali kif ukoll fil-kapacita' taghhom in rapprezentanza tas-socjeta' C. Stivala & Sons Limited u/jew Stivala Operators Limited. Ghalhekk fl-ewwel lok jehtieg li jigi stabbilit min hu l-propretarju tas-sit jekk hux l-imputati Stivala in solidum personalment, jekk hux wiehed mill-imputati personalment jew jekk hix is-socjeta' C. Stivala & Sons Limited u/jew is-socjeta' Stivala Operators Limited.

Illi l-imputat Michael Stivala fl-istatement li huwa irrilaxja lill-ufficjal investigattiv nhar it-8 ta' Gunju 2012 esebit fl-atti a fol 74 mmarkat bhala Dok JM03, mistoqsi min huwa s-sid tal-binja fil-kantuniera ta' Xatt tal-Gzira tas-Sliema kantuniera ma' Triq Sir Patrick Stuart, fejn sehh l-incident mertu tal-kawza jghid li hija s-socjeta' C. Stivala and Sons Limited u jghid li huwa

wiehed mix-shareholders taghha flimkien ma' ohrajn. Sylvana Bonello rapprezentant tal-OHSA tghid li hija marret fuq is-sit ftit wara li sehh l-incident u rat li ma kellhiex access sabiex tidhol fih ghaliex kien maghluq pero' ftit wara wasal Carlo Stivala u taha access. Hija esebiet ritratt tan-notification li kienet intbaghet mill-MEPA li tinsab a fol 81 mmarkata bhala Dok Z, flimkien ma' xi ritratti tas-sit kif ukoll il-Construciton Notification Form li giet immarkata bhala Dok Z1.

Minn ezami ta' dan l-ahhar dokument jirrizulta li l-isem tal-klijent huwa Stivala Operators Ltd u l-project supervisor ta' Design Stage huwa Aldo Busuttil waqt li l-Project supervisor for the Construction execution stage huwa Michael Stivala. Jirrizulta ukoll li skond is-sezzjoni B fejn hemm indikat '*client details'* jidher li hemm il-partikolaritajiet tas-socjeta' Stivala Operators Ltd u ghal darb ohra hemm indikat fis-sezzjoni C min huma l-Project Supervisors u dawn huma Aldo Busutiil ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' AME Helath and Safety Services Ltd ghad-design stage u Michael Stivala ghall-construction stage. Din l-istess Formola intbaghtet lil OHSA li iggib ir-reference number 84/02.1.2

Illi ghalhekk mis-suespost tikkonsegwi d-domanda min kien responsabbli ghal dak li sehh nhar l-4 ta' Gunju 2012 u min kellu r-rapprezentanza tas-socjeta' Stivala Operatos Ltd dakinhar.

Skond il-Memorandum of Articles and Association esebit minn PL Quentin Tanti in rapprezentanza tal-MFSA (fol. 226) jirrizulta li l-imputat Carmelo Stivala huwa d-Direttur ta' din is-socjeta'. Dan qed jigi rilevat minhabba dak li stqarr Michael Stivala fl-istqarrija tieghu li gja saret referenza ghaliha aktar 'l fuq meta huwa erronjament stqarr li kien Direttur ta' din is-socjeta'.

Ghalhekk jinghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza li fejn Michael Stivala huwa imharrek fil-kapacita' tieghu u in rapprezentanza tas-socjeta' Stivala Opertors Ltd ir-responsabbilta' vikarja tieghu ma tistax tirrizulta. Xorta pero' jinghad li huwa imharrek fil-kapacita' tieghu personali u hu ghalhekk il-Qorti sejra tindirizza dan l-istatus tieghu personali f'din is-sentenza aktar 'il quddiem. Bl-istess ragunament jinghad li una volta s-sit jappartjeni lis-socjeta' Stivala Operators Ltd fejn l-imputat Carmelo Stivala huwa Direttur jinghad li personalment ghalhekk ma jistax jinsab hati izda semmai jekk jirrizulta, il-Qorti tista' tattribwilu r-responsabbilta' vikarja jekk ikun il-kaz. Ukoll Michael Stivala personalment ma jistax jinsab hati una volta li s-sit in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta' Stivala Operators Ltd. Ghalhekk din il-Qorti trid tevalwa il-fatti specie tal-kaz u tara jekk fil-kwadru taghhom tistax issib responsabbilta' fil-konfront ta' Carmelo Stivala ghan-nom tas-socjeta' Stivala Opertors Ltd u fil-konfront ta' l-imputat Moamar Salama. Biex tasal ghal gudizzju taghha l-Qorti ghandha bzonn tara x'inhuma l-elementi ta' kull akkuza moghtija mill-prosekuzzjoni b'mod distint.

Fl-ewwel lok l-imputati Stivala gew akkuzati bir-reat kif kontemplati fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li nvolontarjament kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sofa Oudri u dan fir-rigward tal-imputati Stivala fil-vesti taghhom kemm personali kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' Stivala Operators Ltd u/jew C. Stivala & Sons Ltd kif ukoll personalment. Kif intqal aktar il-fuq, is-sit jappartjeni lis-socjeta' Stivala Opertors Ltd u ghalhekk responsabbli ghaliha hu Carmelo Stivala nomine. Fir-rigward tal-rapprezentanza guridika personali tieghu din ghalhekk ma tistax tirrizulta u fil-konfront tal-akkuzati l-ohra din r-responsabbilta' taghhom

ma tistax tirrizulta. Ghalhekk dak li ser jinghad fir-rigward ta' din l-akkuza hu dirett lejn Carmelo Stivala nomine (ghan-nom ta' Stivala Operators Ltd).

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' ferita gravi nvolontarju hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz involontarju.

Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"*bonus pater familias*"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilta' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret[1].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'sentenza aktar ricenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

Kif jispjega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. Il-komuni jew l- esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed

[1] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi”[2]

Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-**artikolu 225 tal-Kodici Kriminali** taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "*nuqqas ta' hsieb*", "*traskuragni*", u "*nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni*", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "*nuqqas ta' tharis ta' regolamenti*". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja

[2] Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323

(li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privata (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi *"inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline".* Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.

…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta’ ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta’ din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero’, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b’applikazzjoni tad-dottrina ta’ l-intenzjoni pozittiva indiretta[3].

[3] IL-Pulizija vs Richard Grech deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali fil- 21 ta’ Marzu 1996.

Illi f'sentenza ohra taghha[4], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondit tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Louis Portelli** [5] kompliet hekk:

*"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi had minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta'hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet,*

---

[4] Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg d eciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali fil 31 ta' Luljlu 1998.
[5] Op cit

*regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'.*

*Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali."*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

….

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova nexus bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Salvatore Camilleri**[6] jinghad hekk:

[6] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali fis-sbatax ta' Mejju, 1948 per Imhallef Harding

*'Such need for the existence of chain of causation between the negligent act and ensuing harm is a requisite for responsibility to exist. The principle that for culpa to exist there must be the causea nexsus between act and even, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness in an act or profession but it is equally requisite in case of non observance of the regulations'*

Huwa stabbilit li f'socjeta' moderna jezistu regolamenti li kuntrattur f'kull lant tax-xoghol ghandu l-obbligu li jipprovdi '*a safe place of work'* u cioe' li jipprovdi makkinarju li jiffunzjona sew u li jinkorpora security u safety features li jimminimizzaw kemm jista' jkun il-possibilita' li haddiem u/jew il-pubbliku sabiex ma iweggax minhabba dak li jkun ghaddej fis-sit.

Fil-kawza fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomenu Pace** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Gunju 2007, saret referenza ghall-kawza Grezzu Scicluna vs C. Cini & Sons Limited, deciza fis-27 ta' Lulju 2006, fejn kien gie citat **Whincup** mill-ktieb **Modern Employment Law**, fejn kien hemm elenkati erba' principji bazici. Dawn huma:

1. "1. *the employer must ensure that the employee knows the dangers*
*2. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers*
*3. the employer must ensure that the precautions are available*
*4. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available."*

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Bugeja vs Montanaro Gauci,** deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:

“*huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi ‘a safe place of work’*”

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta**, deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:

“*qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu “li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed safe”.”*

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta’ April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:

*“Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni (“**Agius vs All Services Ltd**”, deciza Prim Awla tal Qorti civili fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien safe, izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-apparat kollu fornit lilhom.”*

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Attard’**, deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:

"*min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm available apparat ta` safety, izda ghandu jinsisti mal-foreman li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita*."

Fil-kawza, fl-ismijiet **John Sultana vs Francis Spiteri et noe** deciza fit-28 ta' Mejju 1979, il-Qorti tal-Kummerc spjegat illi min ihaddem ghandu "*d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem*". L-obbligazzjonijiet principali ta' min ihaddem huma mhux biss li jipprovdu "*safe tools*" u "*a safe system of work*", imma xejn anqas minn "*a safe place of work.*" Dan il-principju gie ribadit diversi drabi mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe (Appell 7 ta' Dicembru 1994). **Joseph Bugeja vs Anthony Falzon,** (Prim'Awla 30 ta' April 1997, **Keith Caruana vs Joseph Paris et noe** (Prim'Awla 12 ta' Frar 1999) **Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited**, (Prim'Awla 25 ta' Jannar 2000) u **Carmel Cini vs Caccopardo nomine** Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1999). (Ara wkoll **Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe** Prim'Awla Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001).

Fil-kaz **Lawrence Caruana vs Karmenu Penza et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fis-27 ta' Gunju 2003, l-ewwel Qorti kienet irreferiet ghal dak li nghad minn awturi **Chalesworth** "**On Negligence**"[7]:

"*The duty of employers to provide the servant with a safe place of work was explained by Goddard LJ to be: "not merely to warn against unusual dangers known to them….but also to make the place of employment….as safe as the exercise of reasonable care would permit."*

[7] The book entitle Negligence  Butterowrths p 1036 pag 622

*"The duty is owed to each individual servant individually*[8]*."*

Fil-gurisprudenza nostrana, gie ritenut kemm-il darba li huwa l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu. Fi **Schembri vs Caruana noe**, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 1983, inghad:

"*wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, lhinijiet twal, l-ghagla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol; danw huma kollha fatturi li min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunament hu msejjah "a safe system of work."*

Inoltre`, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu, **Cini vs Wells noe**, Prim'Awla Qorti Civili deciza fid-29 ta' Mejju 2001. (Ara wkoll **Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons Marketing Limited** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003)…

Ukoll, fil-kawza **Grech vs Ellul** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1996, intqal:

"*It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work.*"

[8] p.1035

(Ara wkoll **Carmel Grima et vs Carmelo Penza pro et noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004).

Dwar is-sinifikat tal-kliem *reasonably practicable*, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l- Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 2007 fil-kawza fI-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo** fejn intqal:

*"seems to imply that a computation must be made by the owner in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them - the risk being insignificant in relation to the sacrifice - the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonably practical to provide a safety measure is on the person whom the duty is imposed."*[9]

Min ihaddem jista' jonqos mid-dmirijiet tieghu jekk, kif jikteb **Munkman** fil-ktieb tieghu Employers' Liability At Common Law (7th Edition, Butterworths pg 129) jekk:

"1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligation.
2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger and doing nothing to remedy it.

[9] Walter Wilson & Son vs Summer-field - 1956 - 1 W.L.R. 1429

3. Thirdly the employer knowing of a defect on his plant or premises or of a danger in the course of the work may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.
4. Fourthly though the employer does not know that anything is wrong it may be that he ought to know - that is, he could have found out by reasonable care."

Dwar x'jaghmel unsafe system of work jinghad li dawn jistghu jigu elenkati b'dan il-mod:
1. jekk min ihaddem ikollu xoghol li jinvolvi riskju ta' korriment li wiehed seta' ragonevolment jarah minn qabel;
2. li kien hemm mezzi normali li dan ir-riskju jigi eliminat;
3. li l-korriment tal-vittma kien kawzat mir-riskju fuq imsemmi;
4. illi n-nuqqas ta' min ihaddem li jelimina r-riskji juri nnuqqas ta' kura ragonevoli ghas-sigurta` tal-vittma.
Fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt li gew enuncjati verament f'sede civili pero' fir-rigward ta' obligazzjonijiet li johorgu minn dispozizzjonijiet li ukoll ghandhom sanzjoni penali fil-ligi Ingliza, din il-Qorti tara li l-imputati Carmelo Stivala u Moamar Salama ma jistghux jaharbu mir-responsabbilta' taghhom li ma ipprevenux l-incident billi ma hadux l-prekawzjonijiet adegwati.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak fuq enuncjat hu necesarju sabiex il-Qorti tanalizza l-ewwel is-sitwazzjoni ta' Carmelo Sivala f'din il-vesti ta' responsabilta' vikarja u dan dejjem fid- dawl tad- definizzjoni ta' culpa kif moghtija aktar 'l fuq f'sede penali .

Mill-atti processwali jirrizulta u dan mhux kontestat li Michael Stivala dakinhar ta' l-incident kien baghat lil persuna li irrizulta li kien l-imputat Salama sabiex inaddaf is-sit u dan ghaliex is-xoghol ta' kostruzzjoni kien lest. Jirrizulta ukoll u dan mhux kontestat lanqas li fuq is-sit ma kienx qed isir xoghol u lanqas ma kien sar xi xoghol dak inhar ta' l-incident. Dan hu kkonfermat kemm minn PS 1354 li jghid li meta dahal fis-sit sab li kien hemm hafna hadid '*ippostjat*'[10] u li kien hemm persuna wahda li wara irrizulta li kien l-imputat Salama li kien qed inaddaf. Michael Jeffrey Poulton ighid li ma setghax jikkonferma jekk kienx qed isir xoghol qabel l-incident li huwa ra. L-imputat Michael Stivala jghid li xoghol dakinhar ma kienx qed isir ghaliex il-kostruzzjoni tal-fond kien lest. Sylvana Bonello li kienet qed taghmel l-investgiazzjoni taghha ghan- nom tal-OHSA ukoll tikkonferma li dakinhar fuq il-post, xoghol ma kienx qed isir. Ex admissis tghid "*Xoghol fil-construction site ma kienx qed isir u dana fil-hin li wasalt jien ma rajt l-ebda crane jew haddiema jew xi indikazzjoni li effettivament ftit qabel kien qed isir xi xoghol*."[11] Sylvana Bonello tghid ukoll in kontro-ezami taghha li meta tkellmet mal-imputat Michael Stivala ma kinitx infurmatu bid-dritt tieghu li ma jinkriminax ruhu. Tghid li fil-fehma taghha kienet rat xi hajt li kien perikoluz u talbitu sabiex jaghmel scaffolding u ghamlu pero' tghid ukoll li mhix perit u ma tkelmet ma' hadd dwar dan li fil-fehma taghha kien nuqqas u lanqas ma hasset il-htiega li tindika f'xi *stop notice*. Qalet li l-ghada li harget l-istop notice kienet harget ir-revocation taghha. L-ghada tal-incident kienet harget *stop notice* ghaliex fil-fond ma kienx hemm scaffolding izda meta giet mistoqsija mid-difiza jekk hux necessarju li jkun hemm dejjem scaffolding wiegbet fin -negattiv u fil-fatt qalet li l-ghada nehhiet l-istess stop notice li kienet harget lejliet ghaliex fil-fehma taghha Michael Stivala kien

[10] Sottlineat minn dui nil-Qorti . Xhieda tal- 5 ta' Frar, 2015 ta' PS1354 Claudio Redent Coppola
[11] Xhieda a Sylvana Bonella moghtija nahr it-3 ta Ottubru 2017 fol. 257.

irregolarizza ruhu ma' dak ordnat minnha. U dan minkejja li Michael Stivala ma kienx sid is-sit u lanqas direttur tas-socjeta li hija s-sid tas-sit.

Kif waqghet il-hadida mis-sit ma jirrizultax u lanqas ma jirrizulta liema kienet il- hadida li effettivament waqghet. Zgur pero' li dik il- hadida li giet esebita il- Qorti mhix dik li allegatament waqghet fuq il-vittma kif del resto ikkonfermaw ix-xhieda li raw il-hadia fuq il-post u dan ghaliex dik il- hadida li giet esebita il-Qorti ghandha kamin u skond Schranz dan jghid li l-hadida li kien hemm fuq is-sit ma kellhiex kamin kif fil-fatt jidher fir-ritratt mehud minnu bil-mobajl esebit fl-atti u mmarkat bhala Dokument AS 3. Jghid li fil-fehma tieghu il-hadida li waqghet kienet qed tintuza ghall-ilqugh. Dan il-fatt pero' qatt ma gie kkonfermat. Jirrizulta li s-sit kien maghluq kif del resto kkonfermat Sylvana Bonello stess u kien jinfetah biss sabiex Salama imur inaddaf pero' zgur li il- hadida ma waqghetx waqt li Salama kien fuq is-sit. Dan jirrizulta kemm minn dak li qal Salama stess fl- istqarrija tieghu (Dok JM 02 fol. 71) mehuda a tempo vergine tal-invstigazzjoni fejn jghid li huwa kien qed inaddaf il-post u mar jixtri x' jiekol u wara li mar jixtri u mar lura sabiex ikompli inaddaf sab li kienet wegghet barranija. Mistoqsi jekk kienx hemm hadid fejn kien qed inaddaf jghid li ma jiftakarx li kien hemm. Kif ukoll il-pulizija li marru fuq il-post jghidu li fuq l-post ma kien hemm hadd.

Carmelo Stivala kien qabbad zewg projects supervisors f'dan is-sit - lill-Michael Stivala bhala project supervisor waqt construction stage u iehor Aldo Busuttil waqt id-design stage. Jinghad li dan l- incident sehh wara li kien tlesta mix-xoghol tal-construction u ghalhekk il- project supevisor f'dak il- hin kien Aldo Busuttil. Jirrizulta li dan Busuttil kien sahansitra anke hejja rapport maghruf bhala safety plan qabel ma inizjaw ix-xoghol u dan kien gie mibghut l-OHSA.

Aldo Busuttil fix-xhieda tieghu tal-25 ta' April 2017 jghid li kien hejja Safety Plan in konnessjoni ma' dak li kellu isir f dan is sit u dan id-dokument huwa esebit u markat bhala dok Z" . Jidher li d-document sar fi Frar 2012 qabel ma sehh l-incident u dan fuq domanda tal-klijent tieghuu Stivala Operators Ltd. L-iskop ta' dan ir rapport kif imnizzel fir -rapport stess kien sabiex jassiguraw li l- kuntatturi kollha li kienu qed jipprovdu xoghol fuq is-sit ghas-socjeta Stivala Operators Ltd isegwu dak li jistipula l ATT XXVII tas sena 2000 u l aviz legali kollha li jaqghu taht dan l Att. Fdan ir rapport hemm referenza ghal dak kollu li kellu jsir sabiex is-sit ikun wehed '*safe'* tant li jitkellem fuq *first aid, means of escape, fire fighting equipment, smoking and alcohol, dust fumes and fibres, personal protective equipment, sanitary facilitites, drinking supply , safety and warning signs, site surrounding area* u affarijet ohrajn fosthom paragrafu dwar '*falling objects'.*

Dan jghid li "*Employees shall be protected by the Contractor against the risk of falling objects by means of collective measures to prevent such instants. Materials, tooling and equipment should be properly laid out stacked to prevent their collapse overturning or falling. Where necessary, passageways will have over head protective coverings and access to dangerous areas shall be made impossible."*

Illi skond dak mistqarr minn Aldo Busuttil u dan ma giex kontestat mill-prosekuzzjoni dan ir-rapport gie mghoddi lill-OHSA u fl-ebda hin ma gie kkontestat minnhom jew gie ordnat lilhom li kellhom izidu xi security jew safety measure.

Addirittura jirrizulta mill-provi u dan mix-xhieda tar-rapprezentant tal-OHSA stess u cioe' Sylvana Bonello li l-haddid kien kollu '*ppustjat* '. Dan ifisser li l-kuntrattur kien qed jobdi l-kundizzjonijiet imposta fir-rapport moghti lilu mill-Project Manager.

Fir-rapport jinghad ukoll li waqt li kienu qed isiru xi xoghlijiet kellu jkun hemm fence ta' gholi zewg metri u dan ukoll jirrizulta li kien hemm kif muri fir-ritratt esebit fl-atti. Li jrid jkun hemm safety signs u dawn ukoll jirrizultaw li kienu hemm kif murija fir-ritratti.

L-Att XXVII ta' l-2000 (Kap 424) dwar l-Awtorita` Dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol dahal fis-sehh in virtu` ta' l-Avviz Legali 121 ta' l-2001 [li permezz tieghu gie stabbilit it-3 ta' Mejju bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet tat-Taqsima III (artikolu 8 sa 14) ta' l-Att bdew isehhu], u ta' l-Avviz Legali 9 ta' l-2002 [li permezz tieghu giet stabbilita d-data tad-29 ta' Jannar 2002 bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet kollha li jifdal ta' dan l-Att ghandhom jidhlu fis-sehh], u b'hekk l-Att VII ta' l-1994 (Kap 367) ma baqax in vigore.

Dak li ghandu jinghad huwa li dawn l-mizuri japplikaw ghal meta ikun qed isir ix-xoghol. F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad fil-Ligi dwar is-Sahha u Sigurta' tal-bniedem. Hawnhekk l-Qorti taghmel riferenza ghall-Att innifsu u cioe' Kapitolu 424 senjatament ghall-Artikoli 4 u 5 tieghu li jipprovdu:

4. (1*) Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.*

*(2) L-Awtorità stabbilita bis-saħħa ta' dan l-Att tkun responsabbli li tiżgura li jinġieb 'il quddiem u li tiżgura li jkun salvagwardat minn kull min għandu dak l-obbligu il-ġid fiżiku, psikoloġiku, u soċjali tal-ħaddiema kollha fil-postijiet kollha tax-xogħol.*

5.*L-Awtorità għandha tiżgura li jinżammu l-livelli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol kif stabbiliti b'dan l-Att u b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.*

It-tifsira li l-istess Att jaghti ghal '*post tax-xoghol'* hi:

"*post tax-xogħol" tfisser kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn* ***<u>isir</u>***[12] *xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu*".

Illi mbaghad l-Artikolu 6 tal-Att jiddisponi li:

6. (1) *Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

Illi l-Artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu:- li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri

[12] Sottolinear ta' din il-Qorti

necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b'dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz.

Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x'mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu "reasonably practicable" u gie ritenut li din il-frazi *"seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed*." "**Walter,Wilson &. Son v. Summerfield**" [1956] 1W.L.R.1429). F' "**<u>Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd</u>** [1973]S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "*it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge."*[13]

Dwar t-tifsira tal-kliem uzat fil-ligi, fl-**Artikolu 225 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Saverina sive Rini Borg et</u>**.[14] fejn gie spjegat li hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

[13] **CHARLESWORTH "ON NEGLIGENCE"** 6th. edit. pp.1152-1153
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1998

Gie rilevat f'dik is-sentenza li l-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u diskorrettezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu waqt li l-imperizja hija l-forma specifika tal-kolpa professjonali cioe' kif jghid il-**Manzini:**

'*Inettitudine e insufficenza professionale generale e' specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto*.'

S'intendi, isegwi ghalhekk li l-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Awtorita' pubblika dwar il-modalita' ta' kif ghandu jsir xoghol f'sit taht kostruzzjoni u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe' dak li jkollu l-element ta' prevenzjoni bhalma hi l-Att dwar l-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol [Att XXVII tas-sena 2000] Kap 424.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata Carmelo Stivala qua Direttur tas-socjeta' Stivala Operators Ltd ghamel dak kollu li seta' sabiex jevita li jsehh incident. Qabbad zewg project supervisors sabiex ihejju safety plan li fil-fatt sar u dak kollu li hemm indikat fih li kellu jsir, sar. B'hekk l-imputat ha l-prekawzjoni prevista sabiex jevita li jsir incident. Zgur li ma jistax jnzamm responsabbli kriminalment ghall-incident li sehh li fir-realta' lanqas ma gie provat kif effettivament gie kagunat. Illi hija biss il-possibilita' li fil-fatt is-sinjura Franciza weggghet minhabba hadida li waqghet ghaliex din il-hadida li effetetivameent latitha baqghet ma gietx esebita fl-atti u lanqas indentifikata minn hadd. Jirrizulta li l-hadida li giet esebita mhiex dik li kient involkuta fl-incident . Cio' nonostante pero' dan mhux kaz ta' *res ipso loquitur* u dan ghaliex zgur li l-vittma wegghet bhala rizultat ta' xi haga iebsa li waqghet fuq

rasha. Pero' zgur li nexus bejn l-ferita li garrbet il-vittma u r-responsabilita' vikarja ta' Carmelo Stivala ma gietx provata. Zgur ghalhekk li lanqas responsabilita' personali ma tista' tinsab ghaliex is-sit mhux tieghu personali izda tal- kumpanja u hija l-kumpanija li tat l-ordni sabiex jinhareg is-*safety plan* kif jidher mid-dettalji tal-'*client*' fuq tali dokument.

Fadal biss ghalhekk sabiex l-Qorti titratta ir-responsabilita' personali tal-imputat Salama. Salama ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri pero' kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni. F'dan l-istatement esebit fl-atti a fol. 72 immarkat bhala Dok JM 02 Salama jghid li dakinhar tal-incident u cioe' fl-4 ta' Gunju 2012 huwa kien gie mibghut inaddaf sit li tinsab fix-Xatt tal-Gzira. Huwa mar hemm ghall-habta tas-7.00a.m. u beda inaddaf it-tieni sular u kien wasal biex inaddaf l-ewwel sular. Qal li kien xi 12.00 meta iddecieda li johrog mill-binja u jmur jixtri xi haga biex jiekol. Ghalhekk huwa hareg mis-sit, bexxaq il-bieb u mar jiehu hobza u dam hemm xi hamsa u ghoxrin minuta. Meta irritorna lura ra hafna nies fit-triq u tfajla mixhuta mal-art bid-demm ma' rasha.

Illi ghalhekk kif sehh l-incident mill-atti ma jirrizultax. Jirrizulta biss li tfajla spiccat ferita b'hadida li allegatament waqghet mill-binja ta' Stivala Operators Ltd. Huwa l-kompitu tal-prosekuzzjoni sabiex tipprova kif sehh l-incident u kif del resto ghandu iwiegeb ghalih l-imputat Salama. Il-Prosekuzzjoni kellha id-dmir tipprova li l-imputat Salama huwa responsabbli ghal dan l-incident u li l-incident ma kienx wiehed rizultat ta' casus.

Il-principju generali rigward it-tezi ta' "burden of proof" hi dik ta' min jallega irid jipprova. Fil-fatt fi kliem Manzini kif misjuba fil-ktieb tieghu **Diritto Penale**[15]**,**

"*il cosi della onere detto prova cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa," (onus probandi incumbit qui asserit*).

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ppruvata hatja, u dan ai termini tal-artikolu 40 subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

"*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et**[16] fejn intqal

"*illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty*.' "

---

[15] Kapitolu IV, vol III, pagna 234 (Ediz. 1890)
[16] Qorti ta' l-Appell Kriminali -- 13 ta' Mejju, 1936

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu.  Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova irid jigi sodisfatt l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**

"*that degree is well settled...it must carry a high degree of probability...if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*."

Xi tfisser dubbju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero' zgur li tfisser aktar mill-grad ta' probabilita'. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero' ma tridx tigi konfusa mal-livell ta' certezza morali u lanqas ma prova xjentifika. Lord J. Denning fis-sentenza **Miller v Minister of Pensions** (1935) qal:

"*that degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice*."

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tipprova l-culpa tal-imputat Salama. Id-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale, tibqa' dik moghtija mill-Carrara[17] b'dan il-kliem:

"*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto*"

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-colpa fil-kriminal:

"*oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*

*a. la volontarieta dell'atto;*

*b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*c. possibilita di prevedere.*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-Codice Penale[18] hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :

[17] Vol pt. Generale para 8 pg. 114

[18] Vol III pagna 228, para. 32

"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto*."

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-**nexus** li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta chain of causation bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar s-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza citata aktar il fuq **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri**[19] li

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist*."

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu **Commentario al Codice Penale Italiano**[20] jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita*."

Skond l-awtur **Giorgi**, fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obligazione**[21] din giet definita bhala:

[19] Deciz mill Qorti tal Appelli Kriminali fis-sbatax ta' Mejju, 1948 per Imhallef Harding
[20] Vol III, 1622, pg. 286
[21] para 1127 p. 46

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice liberta' di valutazione* [vide **Il-Pulizija v J. Attard**[22]]

Fl-kaz in desamina l-prosekuzzjoni provat li kien hemm tfajla li weggghet, li l-imputat Salama kien qed jaghmel xi xoghol fil-binja adjacenti fejn korriet pero' fl-ebda hin ma pprovat in-nexus ta' bejn dak li kien qed jaghmel l-imputat Salama u dak li gara lil-vittma. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova nexus bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. L-imputat ma ghandu jipprova xejn u ghandu kull dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu u jezercita d-dritt tieghu ta' silenzju. Ghalhekk zgur li l-prosekuzzjni ma irnexxiliex tipprova il-culpa tal-imputat Salama ghal dak li jirigwarda l-ewwel akkuza naxxenti mill-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fit-tieni lok l-imputati Carmelo u Michael Stivala fil-vesti taghhom personali gew akkuzati talli fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s- Sigurta' fuq il-post tax-xoghol talli fl-istess zmien, hin u lok naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol.

Illi jinghad kif ga gie spjegat aktar il-fuq li l-imputat Carmelo Stivala m' ghandu x'jaqsam xejn mas-sit fejn sehh l-incident u dan ghaliex is-sit jappartjeni lis-socjeta' Stivala Operators Ltd. Illi Michael Stivala lanqas m'hu Direttur ta' din is-socjeta'. Illi ghalhekk in vista tal-fatt li s-sit jappartjeni lis-socjeta', hija s-socjeta' li ghandha twiegeb u f'dan il-kaz ghalhekk seta' kien responsabbli vikarjament Carmelo Stivala pero' in vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq jirrizulta bic-car li kuntrarjament ghal dak li gie akkuzat bih Carmelo

---

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1983

Stivala nomine kien ha l-prekawzjonijiet kollha biex jevita li jsehh incident tant li segwa ad litteram il-kundizzjonijiet imposti mill-Project Supervisor Aldo Busuttil fis-safety report tieghu li kien gie pprezentat lil OHSA u fl-ebda hin ma gie kkontestat. Din l-akkuza ghalhekk ukoll ma tirrizultax provata.

Fit-tielet lok il-prosekuzzjoni akkuzat lil Moamer Salama talli fl-istess jum hin, lok u cirkostanzi naqas milli jiehu l-passi neccessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol. Jinghad li dak li ntqal b'referenza ghall-ewwel akkuza fir-rigward ta' Salama ghandu japplika hawn ukoll. Il-prosekuzzjoni ma pprovatx kif in effetti naqas minn xi obbligu li kellu dan Salama ghaliex fil-fatt l-incident sehh meta ma kienx fuq is-sit u ma giex ippruvat li kien minhabba l-ghemil tieghu kemm jekk b'kommissjoni jew kemm jekk b'ommissjoni li l-incident sehh. Illi fl-ebda hin ma' l-prosekuzzjoni pprovat li l-incident sehh minhabba dak li kien qed jaghmel Salama fuq il-post tax-xoghol antecedentement ghall-incident. Din l-akkuza ghalhekk mhix provata lanqas.

Fir-raba' kaz l-imputati Michael Stivala u Carmelo Stivala gew akkuzat talli bhala klijenti li ghalihom kien qed isir ix-xoghol, naqsu mid-dmirijiet taghhom kif esposti fl-artikolu 6 tal-Avviz Legali 281/2004. Illi f'dan ir-rigward ma tantx hemm wisq x'jinghad u dan ghaliex harsa lejn il-commencement notice esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok Z1 jirrizulta li l-klijent hija s-socjeta' Stivala Opeators Ltd u mhux Carmelo u Michael Stivala de proprio u ghalhekk ma jistghu qatt jinstabu hatja ta' din ir-raba' akkuza. Huma zgur li ma kinux il-klijenti ai fini ta' dan ix- xoghol.

Fl-ahhar akkuza l-prosekuzzjoni akkuzat lil Michael Stivala talli bhala *Project Supervisor* fl-istadju ta' esekuzzjoni naqas li jikkordina l-implimentazzjoni

tad-disposizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi u jekk ikun mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema persuni impjegati ghal rashom isegwu l-pjan tas-sahha u sigurta'. Onestament il-Qorti tistaqsi minn fejn tista' qatt tirrizulta tali akkuza.

**Il-Project Supervisor.**

Illi l-ligi ma taghtix tifsira ghal x'inhu l-obbligu ta' project supervisor pero' Dr Gauci chairman tal-OHSA f'intervista li ta' lil Gazzetta Independent fl-24 ta' Frar, 2016 jispjega x'inhu l-irwol ta' supervisor u jghid li

*"..According to 2004 legislation every construction project should have a supervisor for the design and project stages. The client can act as his own supervisor, if competent to do so*".

Izid ghid li "*clients have a duty to ensure that all workers engaged for the works, especially designers, architects, contractors and supervisors, are fully competent and adhere to the regulations and standards. This could require enquiring about the competencies of such people before engaging them*.

"*If clients assume the supervisor's role, they should know what they are getting into, what their duties are and what the consequences of a lack of experience can be*,"

*The supervisor for the design stage of the project should ensure that a health and safety plan is in place before the works start. They should also ensure that all general principles of prevention are adhered to.*

*The health and safety plan sets out the applicable rules for a construction site. The plan should also include specific measures related to works that involve particular risks, including situations where workers could end up buried under construction material, works near high voltage equipment and wells.*

*The supervisor at construction stage also has a number of responsibilities, including coordinating between successive or different contractors on the same site. They should be able to give clients advice on the competencies of a contractor and on how health and safety resources should be assigned.*

*They should also ensure that non-authorised personnel, like children, cannot access the site. This could require the construction of a boundary wall or hoarding around the site.*

Kkonkluda billi qal li "*a supervisor's role is fundamental and requires a high degree of competence and experience. As such people lacking the necessary skills should not assume this role*."

Issa fil-kaz in desamina ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas min-naha ta' l-imputat Michael Stivala qua project supervisor li wassal ghal incident mertu tal-kawza. Lanqas ir-rapprezentant tal-OHSA Sylvana Bonella ma stqarret jew identifkat xi nuqqas lampanti min-naha ta' Michael Stivala li wassal ghal dan l-incident u ghalhekk il-Qorti ssibha difficli tasal ghal din il-konkluzjoni hija stess minghajr ma' l-prosekuzzjoni ittentat tipprova xi nuqqas hi stess a sua sponte. Din l-akkuza ukoll ma tirrizultax provata.

**Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31 225, 226 (1) u 533 tal-Kapitolu 9; l-Artikoli 6, 7, 38 tal-Kapitolu 432**

**tal-Ligijiet ta' Malta; Regolament 5, 6, 7, u 8 tal-Avviz Legali 281 tas-Sena 2004 tiddikjara li ma ssibx lill-imputati MICHAEL STIVALA, CARMELO STIVALA u MOAMER SALAMA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u piena.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**